MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2007

Numru. 959/2002

PULIZIJA
SUPRETENDENT NEIL HARRISON
SPETTUR DENISE MULA
VS
JOHN SIVE JEAN AGIUS
VIVIEN HAZEL AKHARELE ENAHORO

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati John sive Jean Agius, ta’ 57 sena, bin Hue u Mary nee’ Rizzo, imwieled Paola fis-6 t’Ottubru 1945, u residenti 36, Qormi Road, Attard, u detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 834245(M); kif ukoll Vivien Hazel Akharele Enahoro, ta’ 41 sena, bint Edward u Cathleen nee’ Luck, imwielda Lagos, Nigeria fis-7 ta’ Novembru 1961, u residenti 4, Linstead Street,London, MW62HB, Ingilterra, detentrici tal-passaport Ingliz numru 009673419, mahrug fir-Renju Unit fis-6 t’Awissu 1993;

U akkuzati talli f'dawn il-Gzejjer, fil-lejl tal-20 u 21 ta' Novembru 2002, u fl-ahhar ghaxar xhur precedenti, ghalkemm fi zmenijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

(a) b'azzjonijiet maghmula fi zmenijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-Ligi, assocjaw ruhhom ma' xi persuna jew persuni ohra barra minn Malta sabiex ibieghhu jew jitraffikaw id-droga eroina f'dawn il-Gzejjer, bi ksur tad-Dispozizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, jew li jippromwovi jew ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja l-assocjazzjoni;

(b) fornew jew ipprokuraw jew offrew li jfornu jew li jipprokuraw id-droga kokajina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, lil persuna jew persuni, jew ghal persuna jew ghal persuni minghajr ma kellhom licenzja mill-President ta' Malta, minghajr ma kienu awtorizzati bir-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Interni tad-Drogi Perikoluzi (GN292/1939), jew meta ma kinux fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-dispozizzijonijiet tal-Artikolu 6 ta' din l-Ordinanza, u meta ma kinux bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzati li jimmanifatturaw jew li jfornu d-droga msemmija, u ma kinux b'xi mod iehor illicenzjati biex ifornu l-imsemmija droga, u dan skond ir-Regolament 4 tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontrolli Interni tad-Drogi Perikoluzi (GN292/1939), kif emendat bl-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta:

(c) kellhom fil-pussess taghhom id-droga eroina, specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kinux fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghal esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-Dispozizzjonijiet tal-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kinux bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzati li jimmanifatturaw jew li jfornu d-droga msemmija, u ma kinux b'xi mod iehor bil-licenzja tal-President ta' Malta, li jkollhom fil-pussess taghhom din id-droga, u naqsu li jippruvaw li d-droga msemmija giet fornuta lilhom ghall-uzu taghhom skond ricotta kif provdut

fir-Regolamenti imsemmija, u dan bi ksur tar-Regolament 8 tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN292/1939), kif emendat l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema droga nstabet f’tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu personali taghhom.

Vivien Hazel Akharele Enahoro hija wkoll mixlija li fil-lejl ta’ bejn l-20 u l-21 ta’ Novembru 2002 u f’dawn l-ahhar hames xhur precedenti mpurtat jew gieghlet li jigi mpurtat medicina perikoluza (cocaine) f’Malta, bi ksur tal-Artikolu 15A tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti giet mitluba tordna lill-akkuzati sabiex ihallsu l-ispejjez inkorsi fin-nomina tal-esperti, ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti giet ukoll mitluba illi barra milli taghti l-piena skond il-ligi, tiddikjara li l-imsemmija Vivien Hazel Akharele Enahoro, immigrant projbit, u tohrog ordni ta’ tnehhija kontra taghha, ai termini tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali tat-2 ta’ Dicembru 2002 skond l-Artikolu 22(2) tal-Kap 101, u l-kontro ordni tal-Avukat Generali.

Rat it-talba ghal separazzjoni tal-gudizzju da parti tal-Prosekuzzjoni, fil-konfront tal-imputata Enahoro.

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti tad-9 t’April 2003, fejn laqghet it-talba tas-separazzjoni tal-gudizzju.

Rat is-sentenza ta’ din il-Qorti tal-24 t’April 2003.

Rat il-verbal tal-24 ta’ Gunju 2005 (a fol 221) fejn il-proceduri tkomplew bil-lingwa Maltija.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat in-nota tal-Kummissarju tal-Pulizija tat-28 t'Ottubru 2005, u s-sentenzi hemmhekk citati.

Rat in-nota ta' Jean Agius tal-31 ta' Jannar 2006, bid-dokument anness.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tal-1 t'Ottubru 2003, fil-konfront ta' Vivien Hazel Akharele Enahoro, fejn l-istess Qorti tal-Appell Kriminali kkonfermat is-sentenza ta' din il-Qorti.

Ikkunsidrat:-

Illi l-Qorti rat dokument MC li huwa l-process verbal dwar sejba ta' drogi fuq l-imputata Vivien Hazel Enahoro, datat 21 ta' Novembru 2002 u l-konferma ta' l-esperti nominati fl-istess.

Godwin Sammut, a fol 33, esebixxa dokument GS u kkonferma l-analizi u l-piz tad-droga misjuba, u cioe' 124.51 grammi, purita' ta' sittax fil-mija (16%) u li kienet id-droga kokajina. Ikkonferma li din id-droga kienet giet mghoddija lilu minn PC 186 Mintoff.

PS 602 Jonathan Attard, a fol 54 et seq, ikkonferma li hu kien gie nominat bhala Scene of Crime Officer, mill-Magistrat Miriam Hayman, sabiex tigi konsenjata sustanza llegali minn WPC 119 Cynthia Camilleri, u sabiex jghaddu din is-sustanza llegali lil Godwin Sammut tal-MLS. Ikkonferma r-rapport tieghu dokument JA u JA1-6.

Supretendent Neil Harrison, a fol 63 et seq, ikkonferma li fl-20 ta' Novembru 2002, kien ircieva nformazzjoni kunfidenzjali fis-sens illi Jean Agius kien qed jippjana biex jimporta d-droga kokajina f'Malta permezz ta' 'couriers' f'titjira mill-Ingilterra ghal Malta. Illi ghaldaqstant, kien acceda ghall-Ajruport flimkien ma' ufficjali tal-Pulizija mill-Iskwadra ta' kontra d-Drogi, fil-lejl ta' bejn l-20 u l-21 ta' Novembru, u li ghal habta ta' 00.20am, Jean Agius kien gie nnutat fl-'arrivals' fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta, kien akkumpanjat minn mara, certu Elizabeth Borg

Cardona, li kienet qed tuza' Renault Campus, ta' kulur ahdar, registrazzjoni CAE 946. Din il-karozza giet osservata fil-'parking area'. Wara ftit, l-imputat Agius flimkien ma' Borg Cardona kienu gew osservati hergin mill-MIA. Is-Supretendent Harrison innota li l-'flight' KM101 tal-Air Malta kien irritardja permezz ta' nofs siegha, u filfatt kien nizel Malta ghal habta ta' 01.20am. Xi ghaxar minuti qabel, l-imputat Agius u Borg Cardona kienu regghu gew osservati jirritornaw l-Ajruport.

Din id-darba, Jean Agius kien mar wahdu fl-'arrivals lounge', waqt illi Borg Cardona kienet qaghdet fil-karozza fil-'parking area'. Josservaw dawn il-movimenti kien hemm PS 1086, PC 10, PC 213, PC 579 U PC 1013, u WPC 119.

Kif sorga l-KM113, l-ewwel passiggiera li nizlet giet osservata li kellha biss 'hand luggage'. Nel frattemp, Jean Agius ircieva telefonata, jew ghamel telefonata u ftit wara, telaq mill-'arrivals' u qaghad jistenna barra. Din il-passiggiera li sussegwentement giet identifikata bhala Vivien Hazel Enahoro, giet osservata tiltaqa' mal-imputat Jean Agius u Borg Cardona barra mit-'terminal' tal-'arrivals', u marru flimkien fil-karozza Renault Campus. Kien f'dan il-mument li s-Supretendent Harrison ta l-ordni lill-Pulizija tieghu sabiex jintervjenu, waqqfu l-karozza kif din kienet hierga mill-'parking area', u f'dan il-mument, **l-imputat Jean Agius irrimarka mmedjatament lill-Pulizija li huwa kien il-persuna li kienu qed ifittxu, u li Vivien Enahoro u Elizabeth Borg Cardona ma kellhom x'jaqsmu xejn mal-kaz.**

Saret tfittxija fuq it-tlett persuni fl-ghassa tal-Pulizija tal-inhawi, u f'dan il-mument, l-imputata Enahoro ammettiet mal-Pulizija li kellha xi haga fuq il-persuna taghha, li kellha titnehha mill-parti intima taghha, u ghaldaqstant, talbet ghall-prezenza ta' ufficjal tal-Pulizija tas-sess femminili. Dan sar, pero' gara illi f'dan l-istadju, l-imputata Enahoro rrifjutat li tnehhi l-oggett minn fuq il-persuna taghha, u ghaldaqstant, is-Supretendent Harrison talab ghal ordni mill-Magistrat tal-Ghassa. Wara l-appozitu ordni mill-Magistrat Inkwirenti, l-imputata Enahoro kienet giet

ezaminata fl-isptar San Luqa, minn Dr Etienne Ciantar, Ginekologu, assistit min-Nurse Joanne Manicaro u Nurse Agius, u fil-prezenza ta’ WPC 119 Cynthia Camilleri. Gie elevat mill-imputata Enahoro mill-parti privata taghha, pakkett ta’ kobor sostanzjali li kien jikkontjeni trab abjad suspettat kokajina. Minn fuq l-imputata Enahoro kienu ttiehdu xi ‘x-rays’ li gew ezaminati minn Dr Andrew Cassar, fid-Dipartiment tal-Emergenza, pero’ ma nstab xejn ulterjuri fuq il-persuna tal-imputata.

It-trab abjad elevat gie ezaminat minn Godwin Sammut, mahtur mill-Magistrat Inkwirenti.

Supretendent Harrison ikkonferma illi l-imputati kif ukoll Borg Cardona gew arrestati u nterrogati minnu. **Jean Agius irrilaxxa stqarrija fil-prezenza ta’ PC 213 (dokument NH a fol 73 et seq). F’din l-istqarrija, l-imputat Agius ammetta l-involviment tieghu u stqarr li kien importa l-kokajina f’zewg okkazjonijiet precedenti bl-istess manjiera, u cioe’ billi uza’ ‘courier’, u parti mill-konsenja kienet ghall-uzu tieghu personali, u cioe’ f’ammont ta’ hmistax-il (15) gramma, waqt li l-kumplament kien ser ibieghha lill-hbieb tieghu. Stqarr ukoll fl-istqarrija tieghu li Elizabeth Borg Cardona ma kellha x’taqsam xejn mal-kaz. Jean Agius qal illi kien ta struzzjonijiet lill-imputata Enahoro sabiex timporta d-droga kokajina f’Gunju u Lulju tal-istess sena.**

Supretendent Neil Harrison ikkonferma li kien interroga lill-imputata Enahoro fil-prezenza ta’ WPC 104 Amanda Xuereb, **u fejn hija ammettiet li kienet impurtat il-kokajina f’Malta, li kienet intiza sabiex tigi konsenjata lil Jean Agius, li kienet diga’ ghamlet importazzjoni ta’ sustanza llegali precedentement xi xhur qabel. L-istqarrija taghha tinstab esebita u mmarkata bhala dokument NH1.**

Giet ukoll interrogata **Elizabeth Borg Cardona** li cahdet kwalunkwe **konnessjoni mad-drogi** misjuba mill-Pulizija. Gie esebit dokument NH2, l-ordni tal-Avukat Generali.

Gew esebiti l-'embarkation cards' tal-imputata Enahoro, esebiti bhala dokument NH3; u l-'mobile phones' esebiti NH4, NH5 u NH6; ir-ricevuti tal-istess esebiti bhala NH7 u NH8; u l-oggetti ndikati bhala dokument A sa dokument J a fol 68 u 69.

A fol 71, in kontro ezami, Supretendent Neil Harrison ikkonferma illi **ma kienx difficli sabiex huwa jinterroga lil Jean Agius, u li dan kien ikkopera.**

Fl-istqarrija tieghu dokument NH a fol 73 et seq, l-imputat Agius ikkonferma li huwa kien mizzewweg fl-Ingilterra u pero' kien separat, kellu zewgt itfal, li kien irtirat u **jghix permezz ta' tlett mitt (300) sterlina fil-gimgha li jircievi minn barra. Ikkonferma illi l-fond 36, Qormi Road, Attard, kienet propjeta' tieghu** u kienet ilha ghandu hamsa u ghoxrin (25) sena, u li pero' hu, sa tlett snin ilu, kien jghix Fulham, l-Ingilterra. Ikkonferma li huwa kellu xi tlieta jew erba' 'mobiles', u li wiehed min-numru kien 79211932, u li meta gie arrestat, il-Pulizija kienu sabulu zewg 'mobiles' b''sim cards' u 'sim card' ohra, li kollha kienu propjeta' tieghu. kellu wkoll zewg Liri Maltin (Lm2) fuq il-persuna tieghu, u cavetta tal-Jeep Maruti LDK 948, li kien jaghmel uzu minnha, li pero' kienet ipparkjata d-dar ghax kienet bil-hsara. L-imputat stqarr li huwa kien mar l-Airport ghaliex:

'**jien niehu l-kokajina, jien ma nihux ta' kuljum u kont ilni ma niehu xi erba' jew hames xhur. Xi two weeks ago jien kont bghatt xi flus l-Ingilterra li kont issellift minghand haddiehor, u dawn jammontaw ghal sterlina 4800, suppost kellhom jibaghtuli xi 100 grams kokajina jew iktar, filfatt gieli baghtuli anke 120 grams. Xtrajthom qisu bil-prezz ta' Lm35-il gramma, pero' pura. Jien il-flus bghatthom ma' wiehed Malti li ghandu business l-Ingilterra. Jien ma nixtieqx nghid min hu.'**

L-imputat Agius stqarr illi l-flus jintbaghtu lil certu persuna li allegatament jismu Gucci, dan huwa iswed ta' xi erbghin (40) sena, li jghid li huwa Accountant, li dan il-persuna qatt ma' gie Malta, pero' l-imputat stqarr li kien kellmu

diversi drabi bit-'telephone'. L-imputat Jean Agius stqarr illi dan Gucci kien infurmah li kienet gejja Afrikana b'xi mija u ghoxrin (120) grammi. **Ikkonferma illi l-ewwel darba li kien dahhal id-droga kien xi ghaxar xhur qabel,** kienet kokajina, u tfajla ohra, isimha mhux maghruf, kienet dahhlitha hawn Malta. **Illi fit-tieni okkazjoni, kienet giet l-istess imputata Enahoro u kienet gabet maghha mija u ghaxar (110) grammi ta' kokajina.** Din il-kokajina ma kinitx ta' kwalita' tajba u kien ramiha, u kien baghat lit-tfajla lura, u dan gara xi erba' jew hames xhur qabel.

L-imputat Jean Agius ikkonferma li kienet wasslitu l-Airport habiba tieghu Elizabeth, u li pero' ma kinitx taf ir-raguni ghaliex ried imur l-Airport. Xehed illi kienu telghu ghal habta ta' xi 12.40am, pero' l-ajruplan ittardja u kellhom jergghu jirritornaw, u li regghu rritornaw l-Airport ghal habta ta' 1.15am, ipparkjaw fl-'arrivals', u Elizabeth kienet baqghet fil-karozza. Ikkonferma li kif iltaqa' mal-imputata Enahoro, it-tnejn resqu lejn il-karozza u saqu ghal barra, u kif kienu hergin mill-'car park', intervjenew il-Pulizija u gew arrestati. L-imputat stqarr li huwa kien mill-ewwel **informa lill-Pulizija li Elizabeth ma kellha xejn x'taqsam ma' dak li jikkoncerna d-drogi, u li d-droga kienet qeghda fil-pussess ta' l-imputata Enahoro.**

Mitlub jghid x'kien ser jaghmel bid-droga, l-imputat stqarr is-segwenti:

**'Jien id-droga kont ser niehu parti minnha ghalija, u parti minnha kont se nghaddiha lil shabi biex ipejjpu minnha d-dar tieghi. Huma kienu ghadhom ma hallsunix tal-parti taghhom, pero' kienu ser ihallsuni iktar tard. Il-parti l-kbira minnha kienet ghall-ohrajn, u jien kont ser inzomm xi ghaxra jew hmistax-il gramma biss ghalija. Jien ma kont ser naqla' xejn ghax huma hbieb tieghi, f'okkazjonijiet qabel l-istess kien gara, kont gibt il-kokajina kif semmejt u kienu hadu minnha l-hbieb tieghi. Ta' qabel huma kienu hallsuni taghha.' (ara fol 74).**
**'Jien nghidilhom hbieb mhux ghax huma propja hbieb izda ghax nafhom ghax jiehdu din id-droga. Ma**

**nixtieqx naghti isimhom jew dettalji ohra taghhom ghax dawn huma very professional people.' (ara fol 75).**

Mill-istqarrija dokument NH1 a fol 76, l-imputata Enahoro kkonfermat li hija kienet waslet Malta permezz ta' titjira tal-Air Malta minn Heathrow ghal Malta fil-21 ta' Novembru 2002, u li din kienet it-tieni darba li kienet giet Malta, bl-ewwel vista taghha kienet f'Lulju tal-2002. Enahoro stqarret li hija kienet ippjanat li se toqghod gurnata jew tnejn ghand l-imputat Jean Agius. Ikkonfermat li malli waslet Malta, ghaddiet dritt ghad-dwana, stante li kellha biss 'hand luggage', fejn hadd ma ghamel tfittxija fuqha, illi kellha konversazzjoni qasira ma' Jean Agius u nfurmatu li waslet Malta. Ma setghetx taghti nformazzjoni dwar in-numru ta' Jean Agius ghaliex giet moghtija l-'mobile' u dan in-numru ta' Jean Agius kien diga' mnizzel fuqu. Ikkonfermat illi dan it-'telephone' kif ukoll il-pakkett bil-kokajina **kien gie moghti lilha l-Ingilterra minn certu Cindy**, u l-iskambju kien sar go 'hotel' u dan il-pakkett kien tqieghed fil-parti intima tal-imputata.

Illi minn hemmhekk, Enahoro marret l-Ajruport ta' Heathrow, meta waslet Heathrow kienet xtrat il-biljett tal-ajru li kien diga' prenotat minn Cindy jew xi hadd jismu J, u li Cindy kienet tatha l-flus biex tixtri dan il-biljett li kien 'return ticket'. L-imputata Enahoro stqarret li wara li giet intercettata mill-Pulizija, hija ttiehdet fi stabbiliment vicin, hemmhekk indunat li l-Pulizija kienu qed jissuspettaw li hija kienet qed iggorr id-drogi, il-Pulizija kienu talbuha kinitx lesta li tirrimwovi d-drogi mill-'vagina' taghha, jew inkella kienet tittiehed l-isptar, u bl-awtorita' tal-Magistrat, dawn id-drogi kienu jigu elevati minn tabib. Filfatt, l-imputata stqarret li preferiet li l-pakkett jitnehha fi sptar, u hekk gara.

Enahoro kkonfermat li hija kienet iltaqghet ma' Jean Agius f'Lulju f'
Malta, meta kienet gabitlu kwantita' ta' kokajina, u li l-istruzzjonijiet f'Lulju kienu li hija kellha tiehu 'taxi' u tmur go 'hotel'. Illi ghal dan ix-xoghol hija kienet giet promessa hames mitt Lira (500) sterlina, ikkonfermat li hija tuza' l-

kokajina imma rarament. Enahoro kkonfermat illi J kien iswed, bejn tletin u erbghin sena, u li jsuq Hatchback silver metallic, waqt li Cindy kienet Kawkazja, bejn ghoxrin u tletin sena, u din kienet tahdem ghal J.

Enahoro kkonfermat li fil-‘mobile’ li kellha kien hemm in-numri ta’ J u Cindy.

PS 1579 Johann Mifsud ikkonferma li fil-21 ta’ Novembru, huwa kien wettaq tfittxija fir-residenza ta’ Jean Agius, fejn kienu sabu ‘sim card’ Vodafone, passaport 663108, Nokia Mobile 3310 bis-‘serial number’ 350849204808918, u ‘smoking pipe’ bil-‘foil’. Dawn gew elevati u mghoddija lis-Supretendent Neil Harrison (ara fol 88 sa 90). L-oggetti elevati gew murija lil PS Mifsud li gharafhom. Is-Surgent ikkonferma li l-imputat kien koperattiv u ghen fit-tfittxija.

PS 1086 Johan Micallef a fol 91 et seq, ikkonferma li huwa kien inghata struzzjonijiet mis-Supretendent Neil Harrison sabiex joqoghdu ‘stand by’ l-Airport, kellhom josservaw individwu li kien qieghed b’Renault Campus CAE 946. Is-Surgent Micallef ikkonferma li kienu raw dan l-individwu hiereg ‘l barra mill-Airport, izda aktar tard, rega’ wasal fl-Ajruport, u ghal habta tas-siegha u nofs is-saghtejn neqsin kwart, is-Supretendent Neil Harrison tahom struzzjonijiet sabiex iwaqqfu din il-vettura. Filfatt hekk ghamlu, u f’din il-vettura kien hemm tlett persuni, Elizabeth li kienet sewwieqa, u z-zewg imputati. Saret tfittxija fuq il-persuna taghhom, u kkonferma li malli qalulhom li kienu Pulizija, Vivien **‘bdiet tirtrieghed…kellha jdejha fuq is-saqaf tal-vettura u bdiet tirtrieghed u kellna nghinuha biex tpoggi bilqeghda’ (ara a fol 92).** Ikkonferma li huma hadu lil Vivien Enahoro l-isptar.

PC 10 Trevor Cassar, a fol 95 et seq, ikkonferma l-istruzzjonijiet moghtija mis-Supretendent Harrison, u kkonferma li huma ntercettaw ir-Renault Campus hadra, li fiha kien hemm l-imputati u tfajla ohra li kienet qed issuq. Ikkonferma li Enahoro kienet qed tirtrieghed hafna. PC Cassar ikkonferma li meta hadu lil Enahoro l-ghassa, hija ammettiet li kellha xi haga fuqha u li riedet tghaddihom lill-

Pulizija mara 119, izda xi hin wara, kienet rega' bdielha, u ghaldaqstant, inkiseb l-awtorizzazzjoni mill-Magistrat tal-Ghassa. PC 10 ikkonferma illi gie miksub mill-persuna ta' Enahoro tramite l-intervent mediku, kapsula blu li kienet tqeghdet go basket tal-plastic.

PC 579 Antoine Micallef, a fol 100, ikkonferma l-istruzzjonijiet tas-Supretendent Neil Harrison sabiex tigi ntercettata vettura CAE 946 Renault 5 Campus hadra, li fiha kien hemm l-imputati u certu Elizabeth li kienet qed issuq il-karozza. Saret tfittxija fil-karozza li rrizultat fin-negattiv, u l-imputati ttiehdu l-ghassa. PC 579 ikkonferma li Vivien Enahoro bdiet tirtrieghed, tant li kellha tpoggi bilqeghda (ara xhieda a fol 101).

Mario Mifsud, a fol 106, ikkonferma r-relazzjoni tieghu dokument MM u MM1, u cioe' l-ezami tal-pipa ghal xi sustanza llegali, liema relazzjoni dokument MM a fol 108 et seq, kienet fin-negattiv.

PC 1013 Raymond Debono, a fol 117, ikkonferma li kien inghata struzzjonijiet sabiex flimkien ma' PC 579 u WPC 119 imorru fil-vicinanza tal-MIA, fil-lejl bejn l-20 u l-21 ta' Novembru, u stqarr li ghal habta tas-siegha u nofs, kien ircieva messagg biex jaccedi lejn it-'ticket booth' tal-MIA, fejn ra l-karozza Renault wieqfa bl-imputati gewwa fiha, akkumpanjati minn mara. PC 1013 xehed li huwa ha l-'mobile' tal-imputat, flimkien ma' 'mobile' iehor u 'sim card', u qal li mbaghad kien ha lil Jean Agius id-Depot tal-Pulizija ghal iktar investigazzjonijiet.

PS 941 Joseph Tonna, a fol 120, xehed li kien inghata struzzjonijiet mis-Supretendent Harrison sabiex titwettaq tfittxija fir-residenza tal-imputat Agius. Ghal din it-tfittxija, l-imputat kien prezenti l-hin kollu. Minn wahda mill-kmamar tas-sodda giet elevata pipa, li giet identifikata bhala l-esebit MM1, u kkonferma li l-imputat kien koperattiv matul it-tfittxija kollha.

WPC 119 Cynthia Camilleri, a fol 122 et seq, ikkonfermat il-prezenza taghha fl-MIA Airport, fuq struzzjonijiet tas-Supretendent Neil Harrison, fejn flimkien ma' Pulizija ohra,

kellha tintercetta karozza li fiha kien hemm l-imputati u tfajla ohra Maltija. Xehdet illi Vivien Enahoro kienet qed titrieghed u kienet qeghda ppanikkjata, u ghaldaqstant, haduha l-ghassa ta' hdejn l-Airport. WPC 119 stqarret li ghamlitilha 'strip search' fil-prezenza ta' WPC 13, izda f'hin wiehed, Enahoro ma riditx tghaddi l-affarijiet suspettati lill-Pulizija. Ghaldaqstant, inghataw struzzjonijiet sabiex jehduha l-isptar San Luqa sabiex Tabib, fil-prezenza tan-Nurses, ikun jista' jeleva l-oggetti suspettati. Filfatt hekk gara, u giet murija dokumenti ritratti JA1-6, u WPC 119 ikkonfermat li dik kienet id-droga li giet elevata mill-parti privata tal-imputata Enahoro. WPC 119 ikkonfermat li PC 10 kien spjegalha d-drittijiet taghha, u kkonfermat illi l-imputata kienet bdiet tibza' tohrog id-droga mill-parti privata taghha, u din kienet ir-raguni ghalfejn kellha tittiehed l-isptar. Illi 'once' li kienet l-isptar, ma kienx hemm rifjut jew rezistenza sabiex tghaddilhom is-sustanza llegali.

WPC 104 Amanda Xuereb ikkonfermat il-prezenza ghall-istqarrija dokument NH1 a fol 76-78 tal-imputata Enahoro, fix-xhieda taghha a fol 131 u 132.

Elizabeth Borg Cardona, a fol 133, iddeponiet li kienet giet arrestata wara li marret l-Airport mal-imputat Jean Agius sabiex tigbor persuna mill-Airport, li kellhom imorru ghat-tieni darba minhabba li kien hemm 'delay', u kif hija kienet qed thallas sabiex tohrog mill-'parking area', gew intercettati mill-Pulizija. Borg Cardona xehdet li fuq il-persuna taghha l-Pulizija ma sabu xejn, u minn hemmhekk ittiehdu l-ghassa tal-Pulizija tal-Ajruport, u wara fid-Depot tal-Pulizija. Elizabeth ikkonfermat li hija kienet irrilaxxat stqarrija, u qalet illi Jean Agius kien qalilha li kien gej habib tieghu minn barra u li kien se joqghod ghal xi jumejn biex jara xi propjeta' u talabha biex ittih 'lift' sal-Airport ghaliex ma kellux 'petrol' fil-karozza, u li hi offrietlu biex ittellghu. Mitluba tghid jekk l-imputat Jean Agius qattx kien jitkellem fuq id-drogi, Elizabeth ikkonfermat **'he has mentioned once that he had imported something for himself but he didn't mention what substance or how much.'**

A fol 140, Dr Etienne Ciantar ikkonferma li kien ezamina lill-imputata Enahoro, u li kien sab oggett abjad fil-parti genitali taghha, fil-‘vagina’, li huwa kien nehha u ghadda lill-ufficjal tal-Pulizija. Illi dan l-intervent kien sar fil-prezenza ta’ WPC 119 u zewg Nurses Joanne Manicaro u Marcon Agius. Muri dokument JA4, ikkonferma li dak kien l-oggett li kien nehha mill-parti genitali ta’ l-imputata Enahoro.

Joanne Manicaro, a fol 143, ikkonfermat ix-xhieda ta’ Dr Ciantar, kif ghamlet ukoll Marcon Agius.

Josette Camilleri a fol 165, xehdet li l-imputat Jean Agius huwa dipendenti fuq id-droga u li xtaq jiehu xi ‘councelling’.

A fol 208, Dr Noel Vella kkonferma lill-Qorti li l-imputat Jean Agius kien involut f’incident serju, b’rizultat ta’ liema kien safa midrub bi griehi gravi, inkluz ksur tal-qafas tas-sider, tant li kellu jigi rikoverat fit-Taqsima Intensiva tal-isptar San Luqa, fejn kellu jitqieghed fuq il-‘ventilator’, u li bhala konsegwenza tan-‘near fatal experience’ li kellu, l-imputat kien qed ibati minn ‘reactive depression’ u ghalhekk ma setax jattendi l-Qorti ghal zmien konsiderevoli.

Spizjar Mario Mifsud, a fol 226, ikkonferma l-entita’ tal-istruzzjonijiet moghtija mill-Magistrat Inkwirenti.

Godwin Sammut, a fol 231, ikkonferma r-relazzjoni tieghu dwar l-ammont ta’ kokajina li nstab, cioe’ mija u erba’ u ghoxrin punt hamsa (124.5) grammi, u li din kellha purita’ ta’ sittax fil-mija (16%). A fol 222, Godwin Sammut ikkonferma kif din il-kokajina tista’ tigi processata bhala ‘crack’, minn tahlita ta’ ‘sodium bicarbonate’. Biex tigi amministrata permezz ta’ ‘inhilation – sniffing’. Ikkonferma illi l-purita’ kienet giet ikkalibrata ghal sittax fil-mija (16%) li hija dsatax punt tmienja erba’ (19.84) gramma tal-ammont ta’ droga misjuba. Sammut ikkonferma wkoll illi s-sittax fil-mija purita’ kienet wahda ‘within the normal range’, **ikkonferma li kien rari hafna li ssib kokajina ta’ purita’ aktar minn ghoxrin fil-mija (20%).**

A fol 235, Godwin Sammut xehed illi meta tipprepara d-droga, din tippreparaha fl-istat lit kun, ‘ghax meta thallat il-cocaine mal-bicarbonate, m’hemm l-ebda mod kif tista’ tifridha. A fol 263, Godwin Sammut ikkonferma kif wasal ghar-rizultat ta’ sittax fil-mija (16%) purita’ fl-ammont ta’ droga misjuba.

Ex PS 951 Joseph Tonna, a fol 242, ma setax jiftakar jekk kienx eleva xi pipa mir-residenza tal-imputat, ma setax jiftakar jekk kienx hemm prezenza ta’ xi ‘ash trays’, u lanqas ma ftakar jekk kienx hemm xi affarijiet fil-kamra tas-sodda bhal xi ‘foil’ etc. Ma jiftakarx jekk l-imputat kien prejokkupat u ddisturbat li kienu ser johorgu kontra tieghu akkuzi ta’ traffikar. L-Ex Surgent ikkonferma li huwa kien jaf lill-imputat f’dawn il-proceduri biss, u kkonferma li tkellem fuq il-problemi li kellu u **eventwalment ftakar li kien hemm xi pipa, u ma ftakar xejn iktar.**

Illi mix-xhieda tal-imputat jirrizulta li huwa kien ilu jghix l-Ingilterra ‘l fuq minn erbghin sena, u f’dan il-perjodu kien jinzel Malta ftit li xejn u li jigi hawn biss ghal ‘holiday’. Filfatt kien investa xi flus fi propjeta’ bhal Club 47, li huwa kien xtrah b’sehem ma’ huh. L-imputat Agius xehed illi meta kien fl-Ingilterra, kien propjetarju ta’ kwazi ‘one square mile’ ta’ propjeta’, minn Piccadilly sa Tottenham Road Court. Fost din il-propjeta’ kellu diversi ‘restaurants’ inkluzi Carroll’s Restaurant, Trattoria Bacco 70, u ohrajn illi jidhru f’dokument JA a fol 284.

L-imputat xehed li huwa kellu l-maggor parti tal-ishma ta’ dawn il-‘businesses’. Xehed illi kellu ‘partner’ li kien Accountant, certu Jeffrey Maxwell, u li f’dan il-perjodu ta’ zmien kellu hafna problemi u spicca biex tilef il-‘businesses’ kollha ghax l-awtoritajiet Inglizi kienu zammewh ghaxar xhur taht arrest, u riedu miljun Lira fi plegg. L-imputat xehed illi l-Pulizija Ingliza riedet tkun taf certu nformazzjoni fuq certu nies Maltin, li huwa ma kellux x’jaqsam maghhom, u hu ma riedx jaghtihom din l-informazzjoni. L-imputat xehed illi huwa kien mixli li kien qed jghix fuq ‘immoral earnings’ quddiem il-Qrati tal-Magistrati, fl-Ingilterra, u li minn dawn l-akkuzi huwa gie

liberat totalment. L-imputat xehed li kienu sahansitra anke ppruvaw jarrestaw lil huh, illum mejjet Ray Agius, li kien jiggestixxi l-Club 47 f'Malta.

Jean Agius iddepona, a fol 255, illi wara din l-esperjenza, huwa filfatt kien inizja kawza kontra l-Metropolitan Police Commissioner minhabba arrest illegali. L-imputat xehed li kien hemm diversi riperkussjonijiet u konsegwenzi ghaz-zmien li hu kien dam f'arrest preventiv barra minn Malta, u dan ghaliex kienu qeghdin jidhlulu n-nies f'diversi mill-propjeta' tieghu, l-istabbilimenti kienu qeghdin jippermettu prostituti jahdmu hemmhekk. Illi huwa kien jirraporta lill-Pulizija u ma kien isib ebda ghajnuna. Infatti, ftit wara dan l-imperu tieghu sfaxxa qisu mazz karti. Apparti dawn il-problemi, huwa kellu problemi ta' natura familjari wkoll, minhabba li huh kien izzewweg mara illi kienet hadet l-AIDS u ma kinitx taf b'dan l-stat ta' fatt. Bhala konsegwenza, kienu spiccaw it-tnejn mejtin u ghaldaqstant, l-imputat beda jindokra lit-tifla ta' huh Ray Agius. L-imputat xehed illi kienet il-mara ta' huh filfatt illi qabbditu l-vizzju tal-'cocaine', u kienet wahda mir-raguni principali ghad-disfatta tieghu. L-imputat xehed illi ghalkemm gieli ha xi pillola, cioe' sustanza, kien beda juza' serjament il-'crack cocaine' mal-mewt ta' huh fl-1987 (ara xhieda a fol 258).

L-imputat xehed, a fol 258, b'mod elaborat, dwar il-mezzi li kien juza' sabiex huwa jikkonsma l-'crack cocaine', u qal illi f'dan iz-zmien huwa kien gieli anke jikkonsma sa 120 grammi ta' 'cocaine' fi tmien sighat wahdu. Id-dipendenza fuq din id-droga kellha effett ikrah hafna, beda jonfoq hafna flus u beda anke jaghmel brutti figuri fir-'restaurant' tieghu (ara xhieda a fol 259). Jean Agius xehed li huwa gie hawn Malta wara l-mewt ta' huh ghaliex kellu hafna problemi, kellu jiehu hsieb tal-Club 47, kellu hafna djun, tant illi l-mara tieghu kellha tissellef fuq id-dar, waqt illi t-tifel tieghu kien 'addict' fuq il-marijuwana, u llum il-gurnata qieghed go 'mental home', u ma jridx jara lil missieru (l-imputat). Jean Agius xehed illi huwa kien gie kostrett ibiegh hafna mill-propjetajiet tieghu Londra ghaliex kellu jhallas lill-Avukat tieghu. Xehed illi huwa gie Malta ghall-

habta tas-sena 2000, kien ghadu dipendenti fuq il-‘crack cocaine’:

**‘During the last two years I couldn’t find any stuff here, everyone was selling rubbish.’ (ara xhieda a fol 260).**

Minhabba li ma setax isib ‘cocaine’ ta’ kwalita’ tajba, l-imputat xehed illi huwa kien kostrett li jikkuntattja lis-‘supplier’ tieghu fl-Ingilterra. Dawn kienu Jets jew Gucci u kienu jibaghtu t-tfajliet hawn Malta, bid-droga kokajina ghalih. **Jean Agius ammetta illi huwa kiseb id-droga darbtejn b’din il-manjiera.** Qal ukoll illi l-ewwel darba Jets kien baghtlu tfajla li ma kinitx taghtu prodott tajjeb ghaliex kien jigi l-‘boyfriend’ taghha u jissostitwih b’kokajina ta’ kwalita’ inferjuri. Jean Agius xehed illi huwa kkopera bis-shih, qerr mal-Pulizija u ghadu sal-lum il-gurnata ma jistax jifhem ghaliex is-Supretendent kien tah l-akkuza ta’ traffikar (ara xhieda a fol 261 u 262).

Mitlub jghid kif kien jaghmel biex jikseb id-droga minghand is-‘supplier’ tieghu, Jean Agius xehed illi kien icempillu u kien ihallsu bl-istess manjiera li kien qal fl-istqarrija. F’dik il-gurnata in kwistjoni:

**‘When the phone rang and the guy told me that the black girl arrived, he said why did you send me that one, when I went even to the airport arrivals, Police were near me, next to me asking me, and I had seen her coming very reluctant coming down the stairs, I knew something was wrong at the time, I thought not even 20 grams, I thought just coming with rubbish. When she went in the car, we got arrested near the exit of the car park.’**

Jean Agius xehed, a fol 262 u 263, illi meta gie arrestat mill-Pulizija:

**‘I was terrified, so I had to say I am going to take it with three others, there were occasions when I took it with three others, but they had their own stuff as well, I didn’t give them from mine. Maybe if you are too**

**strong and take some of this, it's a close thing, some people if they have a violent nature, they get very violent, if you had a bit of schooling and you came from a good family, it makes you very kind, I get selling and I carry on.' (vide a fol 263).**

Jean Agius spjega illi l-'crack cocaine' kienet taffetwa lil nies differenti, u xi daqqiet kienet taffetwahom billi taghmilhom vjolenti. A fol 263 u 264, Jean Agius xehed illi huwa kien ikkonsma l-'crack cocaine' ma' hafna Avukati u Imhallfin fl-Ingilterra, pero' ma riedx isemmi isimhom. Jean Agius, a fol 264, xehed is-segwenti:
**'I would like to add that I have a big mouth I am a big extrovert'**, u li hu kien ikun tant ecitat meta kienet tkun se tasal il-kokajina minn barra li kien jibda' jparla man-nies, u ghaldaqstant afferma li jekk kien hemm xi hadd tal-Pulizija qed isegwuh, certament li kienu se jkunu jafu meta kienet diehla d-droga.

Jean Agius, a fol 265 u 266, xehed illi huwa kien jikkonsma kwantita' ta' kokajina sostanzjali billi jittrasformaha fi 'crack cocaine', u kien sar tant dipendenti li kien qed jonfoq kull sold li kien qed jaghmel fuq din id-droga, tant illi lanqas lit-tfal tieghu ma kien jaghtihom flus. Darba minnhom, waqt li kien qed jipprova jikseb il-kokajina, kien gie aggredit minn tlett irgiel, u kellu jigi rikoverat l-isptar. Ta' dan l-imputat esebixxa dokument JA6 a fol 291.

Jean Agius stqarr illi fil-mori tal-kawza, huwa ghamel program ta' rijabilitazzjoni kontra d-droga, u dan il-kors ghenu biex mhux biss jeghleb id-dipendenza fuq id-droga imma anke biex jieqaf mill-loghob ta' l-azzard. Apparti minn dan, huwa kellu 'car accident' ikrah, li kien kwazi fatali, u dan ukoll gieghlu jirrealizza l-izbalji li ghamel f'hajjtu u nfatti l-mara tieghu kienet giet kostretta tigi Malta, kellu jbieghilha d-dar taghha ghaliex ma setax ihallas il-'mortgage', waqt illi t-tifla tieghu kellha tohrog mill-Universita' biex tigi hawn Malta u ddur bih. L-imputat xehed illi minn mindu beda l-program ta' rijabilitazzjoni ta' droga, huwa kien qed jigi ttestjat kull gimaghtejn u kellu rizultati 'clean'. Jean Agius innega li huwa qatt ittraffika d-

droga u anke stqarr illi huwa tant kien ‘drug addict’ maghruf, li sahansitra Toby Young, it-tifel ta’ Lord Young, kien kiteb ktieb jismu Coke Strokes, li kien ktieb miktub fuq il-hajja tieghu. Dan il-ktieb kien ‘a best seller’ (ara xhieda a fol 268).

Jean Agius, a fol 268, kompla jafferma li huwa qatt ma ttraffika fid-droga, u meta qal li huwa kien jiehu l-kokajina ma’ haddiehor, dawn in-nies kienu jgibu d-droga maghhom:

**‘And even when I saw three people were coming, I was worried your Honour, but I wanted to give the statement I was very high on drugs, I wanted to get out.’**

Jean Agius xehed illi fil-mori tal-kawza, kien miet missieru u xehed illi llum il-gurnata qed jghaddi minghajr il-kokajina u jghaddi billi jiehu xi ftit inbid. Jean Agius jghid illi l-iskop tal-kokajina huwa li jgieghlek tinsa’ ghal dak il-mument, u taghtik il-kuragg biex tkompli. Il-problema kienet li huwa kien, anke waqt li kien qed jikkonsma ghoxrin gramma kokajina, kien diga’ jkun qed jahseb kif ser jiehu ‘the next hit’ (ara xhieda a fol 268).

L-imputat xehed illi huwa kien jiftakar li ghamel stqarrija, izda fiha kien irriserva d-dritt li jibdel xi partijiet mill-istess stqarrija. Xehed illi meta huwa ghamel l-istqarrija, huwa kellu fiducja pjena fil-Pulizija, iffirmaha malajr, izda wara sab illi ma kinux intuzaw il-kliem preciz illi qal hu, u dan stante li huwa daqqa jitkellem bl-Ingliz u daqqa jitkellem bil-Malti. Apparti dan kollu, meta kien irrilaxxa stqarrija, huwa kien **‘very high on drugs**’, u kien qed jixtri d-droga minn kull fejn seta’ jsibha. Mistoqsi jekk jaqbilx ma’ l-istqarrija li huwa kien irrilaxxa, l-imputat qal is-segwenti:

**‘Ghandi nghid li mhux kollox ezatt hekk, jien bdejt nibza’ li anke jekk isibuli ghoxrin gramma, ghalhekk qalli ghax hekk qalli wiehed mill-Avukati u l-Pulizija, qalli I had to mention that it was going to be taken with three others, and I know that I was going to get charged of trafficking, as I was going to smoke with**

**them. Jien hsibt illi jekk nghidilhom ma' tlett ihbieb tkun all right, u verament li kellhom jigu tlett ihbieb u ma kienu jhallsuni xejn, kien ikollhom minn taghhom ukoll, naghmlu party u konna npejjpu flimkien, izda mhux hawnhekk, ma kienx imnizzel li qedtlu li din it-tifla li giet hija l-istess wahda li l-ahhar darba ma tatni xejn u kelli narmiha. I wasn't happy when I heard it was the black girl coming, it was in the last minute ghandi telefonata u jiccekja, I had three mobiles by mistake, before even when you take it, I was taking it during the day, but a very little I was buying it cocaine and crack it, was very little, thallas Lm40 biex issib erba' farkiet.' (ara xhieda a fol 270).**

Jean Agius xehed illi ghalih, tlettax-il gramma kokajina ma kienu jservu propju xejn. Minhabba l-ammont kbir li kien jikkonsma, huwa dehrlu, minhabba l-biza' tieghu, li ahjar jghid lill-Pulizija li hu kien qed jikkonsma din id-droga ma' nies ohra. L-imputat xehed illi l-ikkunsmar tal-kokajina filfatt kienet 'a social habit' u li ghalkemm gieli kien jehodha wahdu, kien ukoll jiehu l-kokajina ma' shabu illi kienu jgibu taghhom:

**'Jien meta kelli mitt gramma wkoll kont inpejjipha sa filghodu.' (ara xhieda a fol 271).**

Infatti, Jean Agius xehed illi huwa tant kien ikkopera mal-Pulizija li kien beda jindikalhom huwa stess l-affarijiet li kellhom x'jaqsmu mad-drogi.

A fol 271 u 272, Jean Agius jahlef illi d-droga illi gabitlu Enahoro kienet **'ghalija personali, no doubt about it'.** A fol 272, l-imputat rega' sahaq illi huwa qal lill-Pulizija illi parti biss mid-droga impurtata kienet ghalih u li parti ohra kienet intiza ghal tlieta min-nies, ghaliex kien qed jibza' illi ma jigix emmnut illi dik id-droga kienet kollha ghalih personali, u dan minhabba li ftit nies jafu bil-process ta' kif wiehed jikkonsma 'crack cocaine'. Issa nfatti huwa qal illi gieli xtara l-kokajina minn Malta u hallas erbghin Liri Maltin (Lm40) ghaliha, u kullma kien jifdallu kienu tlett farkiet.

In kontro ezami, a fol 273, l-imputat Agius xehed illi l-colmo tal-'business' tieghu kien bejn l-1982 sal-1984, u huwa kien jikkonsma l-kokajina billi jikkunsmaha minn imniffsejh minn mindu kellu 21 sena, izda wara l-1987, beda juza' l-'crack cocaine'. L-imputat xehed illi huwa kellu cinema u li ghalkemm kienu xlewh bil-pornografija, hu kien gie liberat. Xehed ukoll illi huwa kellu 'bars' fejn kien ikun hemm tfajliet jaghmlu 'stripties' u joqoghdu 'topless', u kellu hafna ristoranti famuzi fejn sahansitra anke gie Frank Sinatra ghandu. Jean Agius xehed illi l-'business' tieghu kien sfaxxa ghaliex kien gie arrestat minghajr 'bail' l-Ingilterra, u f'dan il-perjodu, kienu dahlulu n-nies fil-propjetajiet tieghu biex jibqghu jghixu hemmhekk bhala 'squatters', u wara l-mewt ta' huh fl-1997, kien anke spicca l-Club 47 ghaliex kellu jbiegh kollox, stante illi kien falla. L-imputat xehed illi l-kokajina hawn Malta, huwa jghidilha 'rubbish' ghaliex kien ikun hemm hafna impuritajiet, u gieli anke sab il-Vim fiha, ghalkemm ammetta illi anke fl-Ingilterra gieli bellghulu l-kokajina hazina.

A fol 276, Jean Agius ikkonferma illi l-bniedem bil-psuedo name Gucci kien bghatlu l-kokajina tlett darbiet mill-Ingilterra. Kienet biss l-ewwel konsenja illi kienet tajba, nizlet Malta meta kien jixtri l-kokajina, nofs id-droga kien isibha hazina jew mhux b'sahhitha bizzejjed biex tigi kkunsmata bhala 'crack cocaine'. Jean Agius zied jghid illi huwa mhux 'dealer', ghaliex id-'dealers' izommu l-bibien maghluqin u kulhadd kien jaf li huwa qatt ma kien isakkar il-bieb ta' barra tad-dar tieghu.

A fol 278, l-imputat Jean Agius irrifjuta li jaghti l-ismijiet ta' minn fejn kien jikseb id-droga hawn Malta, u dan ghaliex ma riedx lil xi hadd iqeghdlu bomba wara l-bieb. L-imputat stqarr illi kien diga' gab il-Bomb Disposal Unit darbtejn id-dar. L-imputat stqarr illi huwa kien jghid lil kulhadd li kien 'a crack addict', u kien jehodha sabiex jahrab mill-problemi li kellu fil-hajja. Rigward in-nies li semma' li huwa kien jikkonsma d-droga maghhom, l-imputat lanqas ma ried jaghti ismijiet, izda qal li huwa qatt ma kkonsma d-droga flimkien ma' 'dealer' tad-drogi. B'referenza ghan-nies li maghhom kien jikkonsma d-droga, l-imputat jghid li

dawn kienu nies professjonisti, **kienu Avukati 'jista' jkun Imhallef'**, li nfatti anke fl-Ingilterra kien jaghmilha ma' dawn it-tip ta' nies, izda ma riedx isemmi ismijiet ghaliex dawn ma kinux 'dealers'.

L-imputat, a fol 279, stqarr illi huwa kien hallas madwar 4800 sterlini sabiex jikseb 120 grammi ta' kokajina, u dawn kien hallashom bil-quddiem. Filfatt dawn il-flus huwa kien issellifhom. Mitlub kif kien ser jirrifondi dawn il-flus li hu kien issellef, l-imputat xehed illi huwa kellu dhul ta' 800 sterlini fil-gimgha, u gieli anke kellu mal-2000 sterlina fil-gimgha mill-kiri. Huwa qal illi bhalissa, qed ihallas taxxa ta' tmintax-il elf Lira Maltin (Lm18,000) fis-sena. L-imputat stqarr illi huwa kien semma' lill-persuna Karl, li kellu relazzjoni mat-tifla tieghu, u li dan kien il-persuna li kien imfittex mill-Pulizija. A fol 281, l-imputat irrifjuta li jsemmi min kienu dawn it-tlett persuni li maghhom huwa kien ser jaqsam id-droga kokajina.

Mitlub jghid jekk kemm-il darba dawn it-tlett min-nies filfatt ezistewx fir-realta', l-imputat, a fol 282, **jafferma li dawn in-nies filfatt kienu jezistu**. A fol 283, l-imputat jghid **illi dawn setghu kienu zewg persuni nfatti u mhux tlieta.**

Jeffrey Maxwell, Solicitor, xehed illi l-imputat kien propjetarju jew jiggestixxi madwar 32 stabbiliment f'Londra, fiz-zmien li kien jafu hu, u li kellu hafna gid, sahansitra kellu Rolls Royce Convertible, u **'all the trappings of wealth.'** (ara xhieda a fol 293).

Illi sussegwentement, kien gie mixli li qed jghix fuq il-prostituzzjoni, li kien qed isehh fil-'clubs' tieghu, u kien ukoll mixli fuq 'credit card fraud'. Illi filfatt huwa gie liberat minn kull akkuza migjuba kontra tieghu, u dan kien ghall-habta tal-1983 u 1984. Waqt li kien ghadu taht arrest, il-'business' tieghu sfaxxa ghaliex kienu dahlulu n-nies f'certu propjeta', ir-renti ma kinux jithallsu u allura l-banek kienu qeghdin jirriposjedu l-propjetajiet. Jeffrey Maxwell xehed illi fil-25 sena li huma kienu jafu lil xulxin fuq livell professjonali, imbaghad filfatt kienu saru hbieb. Xehed wkoll illi l-imputat kellu problemi ohra ta' natura personali, bhall-mewt ta' huh Ray fl-1987 li affetwatu hazin hafna,

apparti li kellu d-dipendenza fuq id-droga. Illi mbaghad, fis-sena 2000, l-imputat kien rega' gie lura Malta. Jeffrey Maxwell xehed illi huwa kien qed jiehu hsieb ta' l-affarijiet personali tieghu.

Dr Noel Vella, a fol 298, xehed illi huwa t-tabib ta' l-imputat, u kkonferma l-'car accident' ikrah li kellu l-imputat li kwazi hallih mejjet. Ikkonferma illi l-imputat kien qallu li kien jabbuza mill-kokajina u minn drogi ohra bhall-marijuwana, u kien jaghmel sforzi kbar sabiex jeghleb id-dipendenza tieghu. Illi in segwitu, kien dahal f'depression profonda, u kien ippreskrevilu t-Tryptazol Anti-depressants. Dr Vella xehed illi l-'accident' illi kellu l-imputat kien sehh f'Gunju tal-2003.

Gie esebit dokument X, a fol 305, analizi tal-urina li tidher li kienet 'clean'.

Amanda Agius, a fol 306, xehdet illi hija kienet izzewget lill-imputat xi tletin sena ilu u hi kienet tghix Londra, u li hija giet Malta biss fi Frar tal-2005, u dan stante illi kienet giet kostretta tbiegh id-dar taghha. Illi l-problemi finanzjari kienu b'rizultat tad-dipendenza fuq id-droga da parti tar-ragel taghha, li bdiet meta miet huh. Amanda Agius xehdet illi l-fatt illi l-imputat kien dipendenti fuq id-droga kienet affetwat il-hajja taghha radikalment ghaliex kienet giet kostretta trabbi t-tfal wahedha, u l-flus bdew jonqsu u d-dejn beda joghla. Amanda Agius xehdet illi llum il-gurnata, l-imputat kien waqaf mit-tehid tad-droga, imbaghad in segwitu ta' l-incident awto mobilistiku, kien ragel mibdul u sar 'a good family man'. Kieku ma waqafx mid-droga, certament li hija ma kinitx ser tigi Malta biex tghix mieghu.

Spizjar Mario Mifsud, a fol 313, xehed illi d-droga kokajina tinxtara ricentament fuq is-suq bhala l-'cocaine hydro-chloride' u tintuza' biex tigi snortjata, jew injettata ghaliex hija tinhall fl-ilma, tista' tinxtara bhala base fejn imbaghad wiehed ikollu jpejjipha. Spizjar Mario Mifsud, a fol 314, spjega b'mod xjentifiku l-manjiera kif il-kokajina tista' tigi konvertita u kkunsmata bhala 'crack cocaine', u s-sustanzi kimici sabiex din it-tahlita ssehh. Spizjar Mifsud

ikkonferma illi d-droga qatt ma tinxtara pura, u tvarjalek bejn 20% u 50% purita'. Fil-process sabiex il-kokajina tigi konvertita ghal 'crack cocaine', l-impuritajiet tad-droga jigu mnehhija. Meta l-kokajina tkun f'forma ta' blokka, 70% purita', din xi daqqiet tissejjah 'rich'.

Ikkunsidrat:-

Illi mill-kumpless tax-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni, u dik moghtija mix-xhieda prodotta mid-Difiza, b'referenza specjali ghax-xhieda ta' l-imputat, hemm diversi fatturi li huma inkontestati:

1. illi l-imputat ftiehem ma' spaccatur esteru sabiex idahhal f'Malta, fi tlett okkazjonijiet separati, ammont konsiderevoli ta' droga kokajina, permezz ta' 'couriers' li kienu jikkonsenjaw id-droga lill-imputat ghal pagament li kien isir Malta pero' b'destinazzjoni estera;
2. illi fil-kaz tal-konsenja ta' 124.51 grammi kokajina li nstabet fuq il-persuna ta' Enahoro (fil-lejl ta' bejn l-20 u l-21 ta' Novembru tal-2002), l-imputat ammetta l-involviment tieghu a tempo vergine mal-Pulizija li nterrogawh, billi qalilhom mill-ewwel li d-droga kienet fuq il-persuna ta' Enahoro u li Elizabeth Borg Cardona ma kellha x'taqsam xejn mad-drogi u semplicement kienet tatu 'lift';
3. illi dan kollu gie ammess fl-istqarrija tieghu dokument NH a fol 73 et seq, u fix-xhieda ta' l-imputat quddiem din il-Qorti.

Dak li trid tezamina l-Qorti, bhala kwistjoni ta' fatt, qabel ma tidhol f'diskussjoni fuq il-punti legali sollevati mill-partijiet, huwa jekk kemm-il darba l-imputat ried id-droga ghall-konsum tieghu personali jew jekk din id-droga kienet destinata ghall-bejgh jew it-tqassim ghal terzi persuni.

Issa l-imputat, fl-istqarrija tieghu, dokument NH a fol 73 et seq, stqarr car u tond illi mill-konsenja ta' 124.51 grammi, li huwa kien xtara minghand Jets jew Gucci tramite l-'courier' Enahoro, huwa kien ser izomm il-parti zghira ghalih, izda **'Il-parti l-ohra kont ser nghaddihielhom lil shabi biex ipejjpu minnha d-dar tieghi…l-parti l-kbira minnha kienet ghal ohrajn u jiena kont ser inzomm xi**

**ghaxar jew hmistax-il gramma biss ghalija. Jien ma kontx ser naqla' xejn ghax huma hbieb tieghi. Fl-okkazjonijiet ta' qabel l-istess kien gara…ta' qabel huma kienu hallsuni taghha.' (vide a fol 74).**

Illi fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti, li partijiet sostanzjali minnha hija kwazi inkoherenti, l-imputat ried ifisser illi huwa gideb lill-Pulizija fl-istqarrija tieghu. Dan ghamlu ghax kien beza' li hadd ma kien ser jemmen li dak l-ammont konsiderevoli ta' droga kien infatti ghall-uzu personali tieghu, uzu sabiex il-kokajina tigi konvertita fi 'crack cocaine' fejn fil-process stess, tintilef parti sostanzjali ta' l-ammont originali, u kien ghalhekk illi qal illi din kienet intiza biex titqassam ma' tlett persuni ohra, u mbaghad finalment qal li kienu tnejn biss.

Illi in oltre, l-imputat jghid illi kien gideb b'dan il-mod ghaliex f'dak il-mument li huwa kien qed jaghti l-istqarrija tieghu, huwa kien 'very high' fuq id-droga kokajina.

Illi din il-Qorti, wara li wiznet u gharblet il-manjiera li biha ddepona l-imputat fuq il-pedana tax-xhieda, bl-insenjament ta' l-Artikolu 637 tal-Kap 9, taghraf illi dan l-argument ma jreggix, u certament ma jimpressjonax, kif donnu xtaq jimpressjona l-imputat, b'lista ta' ismijiet notevoli li huwa semma' en passent fix-xhieda tieghu.

Dan qieghed jinghad ghal diversi ragunijiet:

1. primarjament, l-imputat qal fl-istqarrija tieghu, li ghalkemm jiehu l-kokajina, **'jien ma niehux ta' kuljum u kont ilni ma' niehu xi erba' jew hames xhur'** (vide a fol 74);
2. fit-tieni lok, l-imputat beza' jew donnu ried ifisser illi gideb ghaliex beza' li d-Drug Squad ma kinux semghu bi 'crack cocaine', ma kinux jafu bil-process ta' konverzjoni mill-kokajina ghal 'crack cocaine', u allura ma kienx ser jigi emmnut. Illi bir-rispett, l-imputat kellu d-dritt li jaghzel is-silenzju jew li jaghti stqarrija veritiera u jispjega dak kollu illi dehrlu li kellu jispjega u li kien rilevanti;
3. illi fit-tielet lok, l-imputat semma' ''ohrajn'' lil min huwa kien ser imexxi l-parti l-kbira tad-droga li xtara (ebid a fol 74). Waqt it-testimonianza, dawn ''l-ohrajn'' gew

indikati bhala tlett persuni (ara xhieda a fol 281). Illi fil-bidu tat-testimonianza tieghu, l-imputat xehed illi kien gideb lill-Pulizija fl-istqarrija tieghu meta qalilhom dwar l-ohrajn, ghaliex infatti, id-droga kienet ghalih personalment (ara xhieda a fol 272). Pero' mistoqsi allura jekk filfatt dawn it-tlett persuni li semma' l-imputat fix-xhieda tieghu kinux jezistu fir-realta', l-imputat wiegeb li jezistu (vide xhieda a fol 282). Illi a fol 283, dawn it-tlett persuni saru tnejn.

Illi dawn huma ftit ezempji ta' l-inkonsistenzi li jinsgu r-rakkont ta' l-imputat. Hekk per ezempju, l-imputat jghid li kien jghix fuq dhul ta' 300 Lira sterlina fil-gimgha, (ara fol 73-74), waqt li a fol 280, jasserixxi illi kien idahhal 800 Lira sterlina u anke 2000 Lira sterlina fil-gimgha. E pure, l-imputat jistqarr illi huwa kien fallut u anke kellu jiddejjen l-4800 Lira sterlina sabiex jixtri d-droga indikata fl-akkuza, cioe' l-konsenja ta' l-20 u l-21 ta' Novembru 2002. Ezempju iehor f'dan ir-rigward huwa l-asserzjoni illi kien kostrett jixtri d-droga minn barra ghax f'Malta kien jixtri biss '**rubbish'**. Meta, a fol 276, jammetti illi kien xtara d-droga kokajina fi tlett okkazjonijiet mill-Ingilterra, u li tnejn minn dawn il-konsenji kienu '**rubbish'**, waqt li minn Malta, nofs id-drabi l-kokajina kienet tkun hazina.

Din mhix xhieda li l-Qorti tista' moralment u in koxxenza sserrah fuqha, la ghandha mis-sewwa, mhix vero simili u tavvicina l-assurd. Il-Qorti tifhem illi l-imputat stqarr aktar milli kien tajjeb ghalih, fl-istqarrija tieghu, u ried jipprova jtaffi, fit-testimonianza tieghu quddiem il-Qorti, ftit mill-hsara li gab fuqu nnifsu.

Illi l-materji legali li din il-Qorti trid tezamina si tratta ta' jissusistux l-elementi ta' reat ta' assocjazzjoni u reat ta' traffikar, jew addirittura l-fatti speci tal-kaz jinkwadrawx ruhhom ahjar taht il-pussess aggravat.

Id-Difiza, ghar-rigward ta' reat ta' assocjazzjoni, bi skop ta' bejgh jew traffikar ta' droga eroina, irribadiet illi elementi rekwisti ghal tali reat huma mankanti ghaliex:

1. il-Prosekuzzjoni naqset milli tipprova skond il-ligi dak l-imsejjah 'common design' bejnu u persuni ohra;

2. naqset milli tipprova l-'agreed plan of action' stante li numru ta' tlett istanzi ta' bejgh jew xiri ta' droga semmai jiggustifika kwalifika ghal reat kontinwat; u
3. il-Prosekuzzjoni naqset li tipprova l-'common design' u l-'agreed plan of action' ta' l-imputat kien sabiex din id-droga mixtrija tinbiegh lil terzi.

Ikkunsidrat:-

Illi bir-rispett, din il-Qorti ma tistax takkolji dak sollevat mid-Difiza. Dan qed jinghad ghaliex il-fatt illi si tratta ta' pjan dghajjef u mankanti minn kull sofistikazzjoni, ma jekwiparax ghal **nuqqas** ta' 'common design' jew 'plan of action'.

Il-provi tal-Prosekuzzjoni juru bic-car li l-imputat xtaq u ried kokajina mill-Ingilterra ghax dik li kien jikseb hawn Malta kienet 'rubbish'. Illi ghal dan il-ghan, ikkuntattja lis-'suppliers' tieghu fl-esteru, certu J jew Jets u Gucci, nomi dawn illi huma 'pseudo names'.

Illi dan il-ftehim ghal xiri ta' 'l fuq minn mitt gramma kokajina sar bejn l-imputat u l-persuni fuq imsemmija bi prezz ta' 4800 Liri sterlini, ghal kwantita' ta' 124.51 gramma kokajina. Dawn il-flus gew imhallsa mill-imputat (li jammetti li kellu sahansitra jissellifhom), u gew mibghutin permezz ta' terz f'Malta ghal destinazzjoni estera fl-Ingilterra. Il-ftehim kien li kienet ser tigi 'courier' bil-kokajina f'Malta fuq 'flight' preciz u prenotat, informazzjoni li kienet giet mghoddija lill-imputat, bi ftehim preciz fejn il-'courier' kellha ccempel lill-imputat hekk kif tasal Malta. Infatti, mal-wasla tal-'courier', l-imputat irceva telefonata, iltaqa' ma' Enahoro, persuna li kienet diga' ghamlet konsenja ta' kokajina xi ftit zmien qabel, Enahoro u l-imputat iltaqghu, imxew u telghu fil-karozza, fejn imbaghad gew intercettati mill-Pulizija.

Illi din il-'common design' u l-'plan of action' kienu ntizi sabiex il-parti maggura tal-124.51 grammi tigi mghoddija lil almenu tlett persuni ohra ghal konsiderazzjoni (kif del resto ammess mill-imputat fl-istqarrija tieghu b'referenza

ghal konsenja ta’ droga precedenti), jekk mhux addirittura ghall-profitt.

Illi fir-rigward ta’ l-akkuza dwar pussess aggravat, l-imputat ibbaza d-difiza tieghu fuq kalkolu matematiku, illi galadarba d-droga kienet ta’ purita’ ta’ 16%, ergo l-ammont globali ta’ 124.51 grammi, kien ser jigi oredott ghal marament ghoxrin gramma kokajina - li certament allura taqa’ fl-ambitu ta’ uzu personali – saret referenza ghal statistika Ingliza fejn il-purita’ ta’ ‘crack cocaine’ kienet ta’ 81%.

Sabiex kwalunkwe argument iregi, wiehed irid jikkompara ‘like with like’.

Il-percentwali ta’ 81% purita’ hija indirizzata ghal ‘crack cocaine’. Is-sittax fil-mija purita’ hija lanciata ma’ ‘cocaine’ fis-suq. Din hija konfermata mill-espert tal-Qorti l-Ispizjar Mario Mifsud.

Illi fil-gurisprudenza taghha, l-ammont ta’ droga sekwestrata ma tigix imkejjla skond il-purita’, izda bil-piz attwali taghha.

Illi l-argument li l-imputat, fil-mod li kien jikkonsma d-droga kien jahli parti sostanzjali ghalih, u li ghalhekk kien vero simili li dak l-ammont kollu kien ghall-uzu personali, ma jreggix ghaliex l-imputat ammetta fl-istqarrija tieghu li kien ilu ma jiehu ‘cocaine’ xi erba’ jew hames xhur (allura ma kellux dik id-dipendenza straordinarja illi jghid li kellu), u ghaliex ammetta wkoll li l-parti sostanzjali tad-droga kienet intiza’ ghal terzi persuni li **jezistu**.

Finalment, ghar-rigward ta’ l-akkuza ta’ traffikar, id-Difiza rribadiet illi l-Qorti ma tistax issib ebda htija ghal ebda wahda mit-tlett akkuzi ta’ allegazzjoni spacc ta’ drogi. Dan primarjament ghall-fatt illi l-imputat ta data approssimattiva ta’ ghaxar xhur; ghaliex ghar-rigward tat-tieni spacc ta’ 110 gramma, l-imputat sab illi ma kinitx tajba u ramiha, u ghat-tielet okkazjoni – u cioe’ fil-lejl ta’ bejn l-20 u l-21 ta’ Novembru 2002, ma jistax jigi ppruvat l-

ispaccjar ghaliex l-imputat gie intercettat qabel dan seta' jsehh.

Illi ghar-rigward ta' l-ewwel argument, din il-Qorti taghmel referenza ghall-istqarrija ta' l-imputat, dokument NH a fol 73 et seq, fejn l-imputat ammetta li xtara u ghadda lil terzi, ammont sostanzjali ta' droga. Dan huwa wkoll konfortat fix-xhieda tieghu. Illi l-imputat ta dettalji precizi tat-tlett okkazjonijiet u cioe' l-ewwel spacc ghaxar xhur qabel l-incident, it-tieni spacc bejn erba' u hames xhur qabel id-data ndikata fic-citazzjoni, u l-ahhar spacc fl-20 u l-21 ta' Novembru 2002. Illi din il-Qorti kienet tistenna xi referenza ghal xi dokumentazzjoni specifika bhal biljetti ta' l-ajru, hotel accommodation – xi haga biex jigi ribadut iz-zmien indikat fic-citazzjoni, izda ma ghandha xejn minn dan.

Illi ghar-rigward tat-tieni argument, fejn l-imputat jghid illi rema' d-droga, il-Qorti taghmel referenza ghall-istqarrija ta' l-imputat, fejn jghid illi huwa kien diga' **thallas** minn shabu ghad-droga li kien ghaddielhom: **'Ta' qabel huma kienu hallsuni taghha.'** (ara fol 74).

Ghar-rigward ta' l-ahhar argument, it-traffikar bhala reat ikkunsmat ma jirrizultax, izda certament jissussisti l-attentat ghal ragunijiet ormai ovvji, u cioe', li kien l-intervent tal-Pulizija xi haga ndipendenti mill-volonta' ta' l-imputat, li waqfet hesrem t-traffikar tal-kokajina.

Illi din il-Qorti rat illi l-imputat, ghalkemm mitlub diversi drabi, naqas li jaghti lill-Pulizija l-ismijiet tan-nies li huwa kien iqassmilhom id-drogi.

Illi ghal dawn il-motivi, din il-Qorti ssib lill-imputat hati ta' l-ewwel akkuza, it-tieni akkuza, pero' b'attentat dwar l-ispacc ta' droga fl-akkuzua tal-20 u l-21 ta' Novembru 2002, hati tat-tielet akkuza, b'assorbiment ghal fini ta' piena ta' l-ewwel u tat-tielet akkuza, u wara li rat l-Artikoli 18, 41(1)(a) tal-Kap 9, Taqsima IV u VI tal-Kap 101, Artikolu 22(1)(a)(f), (1)A (1)(B), 22(2)(b) tal-Kap 101, Regolament 4 u 8 tar-Regoli dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi, (GN 292/39) kif emendat b'Kap 101, tikkundanna lill-imputat ghal hames snin prigunerija, li

minnhom irid jitnaqqas iz-zmien li l-imputat ghamel f’arrest preventiv. In oltre, tikkundannah ihallas multa ta’ erbat elef Lira Maltin (Lm4000).  Di piu’, tikkundanna lill-imputat ihallas l-ispejjez inkorsi fil-perizji f’dan il-kaz. Din il-piena qed tinghata wara li l-Qorti qieset l-eta’ ta’ l-imputat, il-fatt li ghamel program ta’ rijabilitazzjoni kontra d-droga, l-ammont ta’ droga involuta, l-okkazzjonijiet ta’ spacc ta’ drogi, it-tragedji personali ta’ l-imputat li l-bicca l-kbira minnhom nibtu mid-drogi. In oltre, din il-Qorti tordna l-konfiska u distruzzjoni ta’ l-oggetti kollha sekwestrati li ghandhom x’jaqsmu mar-reati ndikati fl-akkuza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------